

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/909

tal-25 ta' April 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, fir-rigward tal-emenda tal-Protokoll 1 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam (¹) ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/753 (²) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 36 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ("il-Protokoll 1"), il-Kumitat dwar id-Dwana jista' jirrieżamina d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 u jippreżenta proposta għal deċiżjoni li għandha tiġi adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ.
- (3) Skont l-Artikolu 17.1 tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jevalwa u jadotta deċiżjonijiet, meta previst fil-Ftehim, rigward kwalunkwe suġġett imsemmi mill-Kumitat dwar id-Dwana.
- (4) Il-Kumitat għall-Kummerċ jeħtieġ jadotta Deċiżjoni li temenda l-Anness II tal-Protokoll 1.
- (5) Fl-1 ta' Jannar 2017 u fl-1 ta' Jannar 2022 ġew introdotti emendi fir-rigward tan-nomenklatura rregolata mill-Konvenzioni dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija ("SA"). Din id-Deċiżjoni hija meħtieġa sabiex jiġi aġġornat il-Protokoll 1 u l-annessi tiegħu ħalli jirriflettu l-aħħar verżjoni tas-SA.
- (6) M'hemm l-ebda kundizzjoni fl-Anness II tal-Protokoll 1 biex il-prodotti maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-Intestatura 6212 jitqiesu maħdumin jew ipproċessati bizzżejjed. Ir-regola tal-Kapitolu 62 fl-Anness II tal-Protokoll 1 ma tistax tiġi applikata għal dawk il-prodotti peress li hija limitata għal prodotti mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ. Għalhekk, jenħtieġ li tiżidied regola speċifika għall-prodotti maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-Intestatura 6212.
- (7) Il-ħidma jew l-ipproċessar meħtieġa tal-prodotti kklassifikati fil-Kapitolu 41 fl-Anness II tal-Protokoll 1 għandha tiżidied fil-kolonna rilevanti f'dak l-Anness.
- (8) Il-kelma "individwali" fit-tielet u r-raba' kundizzjoni tal-ħidma jew tal-ipproċessar meħtieġ tal-prodotti klassifikati fil-Kapitolu 19 fl-Anness II tal-Protokoll 1 tista' tiġi interpretata b'modi differenti fir-rigward tal-kontenut tal-materjali tal-Kapitolu 4 u l-kontenut taz-zokkor. Biex tiġi ċċarata r-regola, il-kelma "individwali" għandha titħassar fiż-żewġ istanzi.
- (9) Għall-prodotti tessili klasifikati fil-Kapitolu 62 fl-Anness II tal-Protokoll 1, referenza għat-tolleranzi jenħtieġ li tiġi inserita fir-regoli alternativi diversi tal-koloni ta' ħidma jew ta' ipproċessar meħtieġa.

(¹) ĠU L 186, 12.6.2020, p. 3.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/753 tat-30 ta' Marzu 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam (ĠU L 186, 12.6.2020, p. 1).

- (10) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar id-Dwana u fil-Kumitat għall-Kummerċ, peress li d-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (11) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat dwar id-Dwana u fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ jenħtieġ li għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat dwar id-Dwana u fil-Kumitat għall-Kummerċ għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ mehmuż f'din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat dwar id-Dwana u fil-Kumitat għall-Kummerċ mingħajr kwalunkwe deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill, jistgħu jifteħmu dwar korrezzjonijiet tekniċi żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' April 2023.

*Għall-Kunsill
Il-President
P. KULLGREÑ*

ABBOZZ

DEĊIJONI Nr.../... TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ
ta' ...

li temenda l-Anness II tal-Protokoll 1, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam , u b'mod partikolari l-Artikolu 36(1) tal-Protokoll 1 tiegħu, u l-Artikolu 17.1(3), il-punt (c) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 36(1) tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam ("il-Ftehim") jipprevedi li l-Kumitat dwar id-Dwana jista' jirrieżamina d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 u għandu jippreżenta proposta għal deċiżjoni biex temenda l-Protokoll 1, li għandu jiġi adottat mill-Kumitat għall-Kummerċ.
- (2) L-Artikolu 17.4(1) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjonijiet vinkolanti meta previst fil-Ftehim.
- (3) Fl-1 ta' Jannar 2017 u fl-1 ta' Jannar 2022 ġew introdotti emendi fir-rigward tan-nomenklatura rregolata mill-Konvenzjoni dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija ("SA"). Il-Partijiet tal-Ftehim qablu li jemendaw l-Anness II tal-Protokoll 1 li fiha il-lista tal-ħidma jew tal-ipproċessar meħtieġ sabiex jirrifletti l-emendi tas-SA.
- (4) M'hemm l-ebda kundizzjoni fl-Anness II tal-Protokoll 1 biex il-prodotti maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-Intestatura 6212 jitqesu biżżejjed maħdumin jew ipproċessati. Ir-regola tal-Kapitolu 62 fl-Anness II tal-Protokoll 1 ma tistax tiġi applikata għal dawk il-prodotti peress li hija limitata għal prodotti mhux maħdumin bil-labar jew bil-ganċ. Għalhekk, jenħtieġ li tiżidied regola speċifika għall-prodotti maħdumin bil-labar jew bil-ganċ tal-Intestatura 6212.
- (5) Il-ħidma jew l-ipproċessar meħtieġa tal-prodotti kklassifikati fil-Kapitolu 41 fl-Anness II tal-Protokoll 1 għandhom jiżidiedu fil-kolonna rilevanti f'dak l-Anness.
- (6) Il-kelma "individwali" fit-tielet u r-raba' kundizzjonijiet tal-ħidma jew tal-ipproċessar meħtieġa tal-prodotti kklassifikati fil-Kapitolu 19 fl-Anness II tal-Protokoll 1 tista' tiġi interpretata b'mod differenti fir-rigward tal-kontenut tal-materjali tal-Kapitolu 4 u tal-kontenut taz-zokkor. Biex tiġi ċċarata r-regola, il-kelma "individwali" għandha titħassar fiziż-żewġ istanzi.
- (7) Għall-prodotti tessili kklassifikati fil-Kapitolu 62 fl-Anness II tal-Protokoll 1, referenza għat-tolleranzi jenħtieġ li tiġi inserita fir-regoli alternativi diversi tal-koloni ta' ħidma jew tal-ipproċessar meħtieġa.
- (8) Għalhekk, l-Anness II tal-Protokoll 1 tal-Ftehim jenħtieġ li jiġi emdat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tal-Protokoll 1 tal-Ftehim huwa emdat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

Magħmul f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portuġiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bil-Vjetnamiż, b'kull test ikollu l-istess awtentiċità.

Magħmul fi Brussell u f'Hanoi,

*Għall-Kumitat għall-Kummerċ^c
Il-Kopresidenti*

ANNESS

L-Anness II tal-Protokoll 1 huwa emendat kif ġej:

- (1) fir-ringiela relatata mal-Intestatura “0305”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“ħut, imnixx, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar qabel jew matul il-proċess tal-affumikar u kemm jekk le;”;
- (2) fir-ringiela relatata mal-Intestatura “ex 0306”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“krustaċji, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; krustaċji affumikati, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess tal-affumikar u kemm jekk le; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma, kemm jekk imkesshi, iffriżati, imnixxfin, xotti, immellħin, jew fis-salmura;”;
- (3) fir-ringiela relatata mal-Intestatura “ex 0307”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“molluski, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; molluski affumikati, kemm jekk fil-qoxra u kemm jekk le, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess tal-affumikar u kemm jekk le;”;
- (4) fir-ringiela relatata mal-Intestatura “ex 0308”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“invertebrati akkwatichi għajr il-krustaċji u l-molluski, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatichi affumikati, għajr il-krustaċji jew il-molluski, kemm jekk imsajrin qabel jew matul il-proċess tal-affumikar u kemm jekk le; u”;
- (5) bejn ir-ringiela relatata mal-Intestatura “ex 0308” u r-ringiela relatata mal-“ex Kapitolo 4”, tiddaħħal ringiela li ġejja:

“0309	dqiq, frakass u pellets tal-ħut, tal-krustaċji, tal-molluski jew ta’ invertebrati akkwatichi oħrajn, tajbin għall-konsum mill-bniedem	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jinkisbu b'mod sħiħ.”;
-------	---	--

- (6) fir-ringiela relatata mal-“ex Kapitolo 15”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“Xaħmijiet u żjut tal-annimali, veġetalu jew mikrobiċi u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat tal-annimali jew veġetalu; għajr għal:”;
- (7) fir-ringiela relatata mal-intestatura “1516 u 1517”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“xaħmijiet u żjut tal-annimali, veġetalu jew mikrobiċi u l-frazzjonijiet tagħhom, parżjalment jew kompletament idroġenati, esterifikati bejniethom, riesterifikati jew elajdinizzati, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux ippreparati mod ieħor;
marġerina; taħlitiet jew preparati tajbin għall-ikel tax-xaħmijiet jew taż-żjut tal-annimali, veġetalu jew mikrobiċi jew tal-frazzjonijiet ta’ xaħmijiet u żjut differenti ta’ dan il-Kapitolo, għajr xaħmijiet jew żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516; u”;
- (8) fir-ringiela relatata mal-intestatura “Kapitolo 16”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“Preparati ta’ laħam, ta’ ħut jew ta’ krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatichi oħrajn, jew ta’ insetti.”;
- (9) fir-ringiela relatata mal-intestatura “Kapitolo 19”, it-test fil-kolonna “Ħidma jew ipproċessar meħtieġ” huwa sostitwit b’dan li ġej:
“Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn:
— il-piż tal-materjali tal-Kapitoli 2, 3 u 16 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali;

- il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u minn 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali;
- il-piż tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali;
- il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodotti finali; kif ukoll
- il-piż totali kkombinat taz-zokkor u l-materjali tal-Kapitolu 4 ma jaqbiżx il-50 % tal-piż tal-prodott finali.”

(10) fir-ringiela relatata mal-intestatura - “L-ex Kapitolu 24”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk; prodotti, kemm jekk ikun fihom in-nikotina u kemm jekk le, maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni; prodotti oħra li fihom in-nikotina maħsuba għat-teħid tan-nikotina minn ġisem il-bniedem; għajr għal:”

(11) fir-ringiela relatata mal-intestatura “2401”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b'dan li ġej:

“tabakk mhux manifatturat; skart tat-tabakk;”;

(12) bejn ir-ringiela relatata mal-intestatura - “ex 2402” u r-ringiela relatata mal-intestatura l- “ex Kapitolu 25”, l-erba’ ringieli li ġejjin jiddaħħlu:

“2404 12	prodotti maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni, li ma fihomx tabakk jew tabakk rikostitwit, u li fihom in-nikotina;	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha li ntużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.
ex 2404 19	cartridges u rikariki, mimlja għas-sigaretti elettroniċi;	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha li ntużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.
2404 91	orodotti oħra għajr prodotti maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni, għall-applikazzjoni orali; u	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: <ul style="list-style-type: none"> — il-piż individwali tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali; — il-piż individwali taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali; kif ukoll — il-piż totali kkombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx il-50 % tal-piż tal-prodott finali.

2404 92, 2404 99	prodotti oħra għajr prodotti maħsuba għall-inalazzjoni mingħajr kombustjoni, għall-applikazzjoni transdermali u għal-applikazzjoni oħra ħlief dik orali.	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott; jew manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha li ntużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott”;
---------------------	--	--

- (13) bejn ir-ringiela relatata mal-intestatura - “ex Kapitolu 38” u r-ringiela relatata mal-intestatura tas-SA “3824 60”, jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

“ex 3816	taħlita għat-tablit tad-dolomit	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott; jew manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika.
ex 3822	kits tat-testijiet dijanostiċi għall-malarja prodotti immunoloġiċi, mhux imħallta, mhux ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew fpakketti għall-bejgħ bl-imnut prodotti immunoloġiċi, imħallta, mhux ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew fpakketti għall-bejgħ bl-imnut prodotti immunoloġiċi, ippreżentati f'dożi mkejla jew f'forom jew fpakketti għall-bejgħ bl-imnut reagenta għad-determinazzjoni tal-grupp tad-demm	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura.”;

- (14) fir-ringiela relatata mal-intestatura “ex Kapitolu 41”, fil-kolonna “Xogħol jew Ipproċessar Meħtieġ” jiddaħħal it-test li ġej:

“Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott”;

- (15) fir-ringiela relatata mal-intestatura “ex Kapitolu 62”, it-test fil-kolonna “Xogħol jew Ipproċessar Meħtieġ” huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Insiġ flimkien mat-tfassil (inkluż il-qtugħ) ^{(3), (5)}; jew

tfassil preċedut minn stampar akkumpanjat b'minn tal-inqas żewġ proċessi preparatorji jew ta' rfinar (bħal għarik, ibbliċjar, illostrar, isettjar bis-sħana, raising, mogħdija, proċessar biex ma jinxtorbux, irfinar permanenti, decatizing, ikkuttunar, tiswija u tislit), sakemm il-valur tat-tessut mhux stampat użat ma jkunx aktar minn 47,5 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott ^{(3), (6)*};

- (16) bejn ir-ringiela relatata mal-intestaturi “ex 6202, ex 6204, ex 6206, ex 6209 u ex 6211” u r-ringiela relatata mal-intestaturi “ex 6210 u ex 6216”, jiddaħħlu tliet ringieli ġoddha kif ġej:

“ex 6212	Riċipetti, kriepet, panċieri, ċingi tal-qleżet u tal-kalzetti, takkalji u ogħġetti simili u l-parts tagħhom, maħdumin bil-labar jew bil-ganċ	
----------	--	--

	<ul style="list-style-type: none"> — Miksuba bil-ħjata flimkien jew inkella l-ġbir flimkien, ta' żewġ biċċiet jew aktar ta' drapp maħdumin bil-labar jew bil-ganċ li jew ikunu nqatgħu fil-forma jew inkisbu direttament fil-forma 	Xogħol bil-labar u tfassil (inkluż il-qtugħ). ⁽⁷⁾⁽¹⁰⁾
	<ul style="list-style-type: none"> — Oħrajn 	<p>Għażiż ta' fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) naturali u/jew magħmula mill-bniedem jew estrużjoni ta' ħajt mibrum mill-filament magħmul mill-bniedem, f'kull każ flimkien ma' xogħol bil-labar (prodotti maħduma bil-labar fil-forma meħtieġa)</p> <p>jew</p> <p>Żbigħ ta' ħajt mibrum ta' fibri naturali flimkien ma' xogħol bil-labar (prodotti maħduma bil-labar fil-forma meħtieġa). ⁽¹⁰⁾;</p>

(17) fir-ringiela relatata mal-Intestatura “6306”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Tarpolini, tined u lqugħ mix-xemx; tined (inklużi koperturi temporanji u ogħġetti simili); qlugħ għad-dgħajjes, għas-sailboards jew għall-ingħenji tal-art; ogħġetti tal-ikkampjar”;

(18) fir-ringiela relatata mal-Intestatura “7019”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“fibri tal-ħġieġ (inklużi suf tal-ħġieġ) u ogħġetti magħmula minnhom (pereżempju, raden, rovings, fibri minsuġin).”;

(19) fir-ringiela relatata mal-intestatura “8539”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“lampi tal-elettriku bil-filament jew ta’ skariku, inkluż fanali ssiġillati u lampi ultravjola jew tal-infraħmar; lampi b’arka; sorsi ta’ dawl b’dijodu li jemetti d-dawl (LED);”;

(20) fir-ringiela relatata mal-intestatura “8547”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” jinbidel b’dan li ġej:

“fittings iżolanti għal magni, apparat jew tagħmir tal-elettriku, li huma fittings kollha ta’ materjali iżolanti minbarra kwalunkwe komponenti minuri tal-metall (pereżempju, sokits bil-kamin) inkorporati waqt l-iffurmar biss għal skopijiet ta’ assemblaġġ, minbarra iżolaturi tal-intestatura 8546; tubi tal-kondjuwit tal-elettriku u ġonot għalihom, ta’ metall ta’ bażi miksija b’materjal iżolanti;”;

(21) fir-ringiela relatata mal-intestatura “8548”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“parts elettriċi ta’ makkinarju jew apparat, mhux speċifikati jew inklużi banda oħra f’dan il-Kapitolu; u”;

(22) bejn ir-ringiela relatata mal-Intestatura “8548” u r-ringiela relatata mal-“Kapitolu 86”, tiddahħhal ir-ringiela li ġejja:

“8549	skart u skrapp elettriku u elettroniku.	Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott; manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha li ntużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabrika tal-prodott.”;
-------	---	---

- (23) bejn ir-ringiela relatata mal-intestatura tas-SA “9002” u r-ringiela relatata mal-intestatura tas-SA “Kapitolu 91”, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

“ex 9021	<p>Materjali għall-apparat ortopediku jew għall-fratturi u għall-fittings dentali:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Imsiemer, taċċi, drawing pins, imsiemer ikkorrugati, staples (għajr dawk tal-intestatura 8305) u oġġetti simili, tal-ħadid jew tal-azzar, bl-irjus ta’ materjal ieħor jew le, iżda esklużi tali oġġetti b’irjus tar-ram — Oġġetti bil-kamin u oġġetti mhux bil-kamin tal-ħadid jew tal-azzar, esklużi viti bir-ras skorfina (coach screws), viti għall-injam, ganċijiet bil-kamin u ħoloq bil-kamin, spring washers u washers tas-serraturi oħrajn, rivets 	<p>Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott.</p>
	<ul style="list-style-type: none"> — Titanju u oġġetti magħmulin minnu, inklużi skart u skrapp 	<p>Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura.”;</p>

kif ukoll

- (24) fir-ringiela relatata mal-intestatura “Kapitolu 94”, it-test fil-kolonna “Deskrizzjoni tal-merkanzija” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Għamara; friex, saqqijiet, irfid għas-saqqijiet, cushions u arredament simili mimli; luminarji u fittings tat-tidwil mhux speċifikati jew inklużi banda oħra; sinjali mdawlin, pjanċi tal-ismijiet imdawlin u bħalhom; bini prefabbrikat”.